**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 25 ta' Jannar, 2018

Rikors Nru : 376/17 AL

AB
VS
CD

l-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi l-partijiet izzewgu fil-21 ta' Settembru, 1996, skont kopja tac-ceritifikat taz-zwieg (anness u mmarkat Dok. A) u minn dan iz-zwieg twieldu tlitt itfal;

2. Illi l-partijiet ilhom separati *de lege* sa mis-27 ta' Lulju 2010, u dan kif jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni personali in atti Nutar Dr Ritianne Bugeja Fenech hawn anness u market Dok. B.
3. Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom iktar minn erba` snin ma

jghixu flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.

4. Illi ma jezistux kwistjonijiet ta' manteniment bejn il-partijiet.

5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab filwaqt li l-intimata tghid ghaliex din il- Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-Zwieg bejn il-partijiet

2. Tordna lir-Registatur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-8 ta' Novembru, 2017;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-27 ta' Lulju 2010;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.